**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-22 t' April, 2016

Talba Numru: 348/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 32

**Titan International Limited (C-1115)**

**Vs**

**Mario Gauci (I.D. 181865M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici li permezz taghha talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf mija u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1,150.72c) rapprezentanti nofs il-paga li kien imissha tithallas dwar iz-zmien tal-avviz u dan stante li l-konvenut irrizenja mill-impjieg tieghu mas-Socjeta' attrici b'effett immedjat minghajr ma ta avviz tat-temm tal-impieg bl-imghax legali mit-23 ta' Settembru, 2014 d-data tan-notifika tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficjali msemmija li giet ipprezentata fil-15 ta' Settembru, 2014 li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha a fol 6 eccepixxa:

1) Il-konvenut qed jopponi ghat-talba tas-Socjeta' attrici stante li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenut ghamel diversi tentattivi sabiex ikun hemm zieda fis-salarju tieghu. Fil-fatt kienu ghaddejjin diversi tentattivi f'dan ir-rigward mill-Managers tas-Socjeta' attrici.
2) Illi l-konvenut fl-ebda hin ma qabad u ma rritornax lura x-xoghol izda avza diversi drabi lir-rapprezentanti tas-Socjeta' attrici li jekk ma hemmx possibilita' ta' zieda fis-salarju ser ikollu jirrizenja ghal impjieg iehor.
3) Illi meta nghatat rizenja din kienet cara, genwina, esplicita, awtentika, volontarja u saret xierqa u sufficjenti fil-ligi tant illi giet accettata mis-Socjeta' attrici meta ntqal il-kliem "ha nimmisjawk".
4) Illi f'dan il-kaz ir-rizenja mhux biss inghatat mill-intimat izda saret ghal raguni xierqa u sufficjenti fil-ligi.
5) Illi wara li ttiehed in konsiderazzjoni li dan kien impjieg irregolari ir-rapprezentant ta' Titan International Limited kien obbligat sabiex jinforma lill-konvenut sabiex jahdem certu perjodu ta' notice u mhux sempliciment iwiegbu "ser nimmisjawk".
6) Illi wara li nghatat ir-raguni ghar-rizenja u l-eventwali rizenja s-sanzjonijiet tal-Artikolu 36(14) tal-'Employment and Industrial Relations Act' jigu applikati fejn "impjegat jista jitlaq is-servizz tal-principal minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikolu (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jitlaq mis-servizz.

Ra l-provi mresqa mill-partijiet inkluz x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

**Ikkonsidra**

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien impjegat mas-Socjeta' attrici fuq kuntratt indefinit u li rrizenja fl-20 ta' Gunju, 2014 minghajr ma hallas n-'notice money'. Illi rendikont ta' dan l-ammont jaghtih a fol 13, Steve Azzopardi, General Manager tas-Socjeta' attrici cioe li peress li l-konvenut kien ilu jahdem mas-Socjeta' attrici mis-sena 2008 huwa kellu jaghti tmien gimghat 'notice' u ghalhekk kellu jhallas nofs il-paga ta' tmien

gimghat. Il-konvenut kellu paga ta' hames mija hamsa u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€575.36c) kull hmistax jew mitejn sebgha u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu (€287.68c) fil-gimgha u ghalhekk nofs il-paga ta' tmien gimghat ggib total ta' elf mija u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€1150.72c).

Jirrizulta wkoll a fol 18 mix-xhieda ta' Andreas Aquilina mpjegat tas-Socjeta' attrici li l-konvenut fl-10 ta' Lulju, 2012 l-impieg tieghu gie konvertit ghal zmien indefinit u qabel dik id-data l-kuntratt tieghu kien ghal zmien definit ta' sena liema kuntratt gie mgedded diversi drabi ghal zmien temporanju.

Ra li a fol 37 s-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Ra l-affidavit tal-konvenut li permezz tieghu ta r-ragunijiet ghaliex irrizenja fosthom li l-kuntratt kien jigi rivedut kull sena ghal sentejn u imbaghad r-revizjoni saret kull sitt xhur; li zieda fis-salarju ghal sitt snin qatt ma ha ghalkemm talab diversi drabi ghall-awment; li thalla 'in charge' ta' diversi kollegi haddiema minghajr ma kellu rwol ta' 'acting charge man' izda ma thallas xejn oltre l-paga; li kien anke hadem ta' welder u pipe fitter, li kien imsejjah bhala technician izda awment fis-salarju baqa` ma hax ghalkemm skont hu franka hafna flus lil kumpanija; li sab xoghol b'paga ahjar u l-ewwel ma ghamel kellem lil Jason Sant u staqsih s-Socjeta' attrici hiex lesta li toffrilu din l-paga izda Sant wiegbu li dan ma kienetx lesta li taghmlu. Huwa rritorna l-ghodda u stqarr li n-'notice period' kellu jitnaqqas mill-leave tieghu li ghal sitt xhur shah ma ha xejn leave. Huwa xehed li telaq 'end June'.

Illi t-Tribunal ddikjara l-provi tal-konvenut maghluqa wara li l-konvenut naqas milli jidher jew iressaq provi ulterjuri.

Illi l-konvenut qed jibbaza d-difiza tieghu fuq l-**Artikolu 36 (lll) tal-Kap 452** li strettament ma jezistix izda peress li huwa kkwota dan is-subartikolu tajjeb, it-Tribunal jasal biex jikkonkludi li dan kien zball kalami stante li tali kwotazzjoni tirreferi ghall-artikolu 36(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 36(14) tal-Kap 452** jippermetti li impjegat jitlaq is-servizz tal-principal minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10) (11) u (12) tal-istess artiklu jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jitlaq mis-servizz.

Jigi rilevat li l-impjegat jista jirrizenja mix-xoghol minghajr ma jahdem jew ihallas in-'notice' ghal "raguni tajba u bizzejjed." Indubbjament "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta tal-principal biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport t' impjieg. Opportunament irid jigi registrat li l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport t' impjieg hu ravvizat f'dawk l-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja anke ghaliex dan hu komunament intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport.

Wisq logikament ukoll fejn il-fattijiet addibitati lil-konvenut ghal fini ta' kawza gusta ta' rizenja huma multipli u mistenni li l-fatt singolari u primarju li fuqu tkun bazata r-rizenja jigi ezaminat ma' fattijiet ohra li jressqu 'l quddiem ghal skop ta' valutazzjoni globali tal-kondotta u aktar dak tal-apprezament ahjar tal-gravita` tal-fatt singolari. Dan dejjem s'intendi anke jekk ikkonsidrat izolament l-istess fatt singolari ghandu fih certa rilevanza dixxiplinarja. (**vide Appell Inferjuri numru 31/2007 per Imh Sciberras fl-ismijiet Arthur Walker vs Foster Clark products Limited deciz 30 t' April, 2008).**

Illi huwa mghallem u acccettat li biex ikun hemm 'r-raguni valida' li trid il-ligi, jrid jintwera li min jirrezisti l-hlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi haga li kellu jaghmel that l-istess kuntratt. kemm hu hekk, l-principju li 'inademplenti non est ademplendum' jinbena fuq l-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa l-istess kuntratt fuq l-kawzali tal-inadempiment tal-parti l-ohra. **(vide App. Civ. 3.6.1938 fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Attard et (Kollez Vol: XXX.i.155).** Inoltre biex dik l-eccezzjoni tista tintlaqa jehtieg jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attrici trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew tahti ghalih l-parti attrici; u (c) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jigifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attrici jkun ta' certa toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mharrka (**Ara App. Civ. 29.10.2010 fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Vassallo et noe et vs Dr Michael Caruana et noe).**

Illi biex wiehed jara sewwa x'inhi l-qaghda bejn iz-zewg partijiet f'din il-kawza irid ihares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom.

Illi bla dubbju ta' xejn l-konvenut telaq mill-impjieg tieghu u dan ghaliex stqarr li fil-fatt huwa kien qed jigi trattat hazin fuq ix-xoghol, kellu jahdem hafna aktar milli kien

mistenni minnu, u jaghmel xoghol oltre dak li kien mistenni minnu fil-ftehim tax-xoghol minghajr ma jithallas xejn izjed ghalkemm kien jiffranka flus lil kumpanija.

Illi r-ragunijiet moghtija mil-konvenut fl-affidavit tieghu ma gewx kontradetti mis-Socjeta' attrici. Jigi rilevat ukoll li a fol 20 jirrizulta mill-kuntratt tax-xoghol tal-konvenut para 5 li kull sena l-konvenut "*shall have a performance appraisal interview with the Managing Director (or a person appointed by him). This will provide the opportunity to discuss the performance, career progression, etc*", haga li ma saritx; li l-konvenut kien impjegat bhala senior technician u kien ukoll jigi inkarigat jaghmilha ta' welder u pipe fitter; li minkejja li talab diversi drabi sabiex s-salarju tieghu jigi rivedut tali talba dejjem giet michuda. Is-Socjeta' attrici naqset fl-obbligu taghha li kull sena taghmel dak li obbligat ruhha li taghmel skont il-paragrafu (5) tal-kuntratt tax-xoghol. Huwa naturali li hadd ma jahdem ghalxejn u ghalhekk l-konvenut ghandu dritt li jircievi dak li hu tieghu skont il-haqq.

Jigi rilevat pero li t-Tribunal ma jistghax jaqbel ma' dak sollevat mill-konvenut li anke jekk hemm ammont dovut dan ghandu jitnaqqas mill-leave dovut lilu sal-ahhar ta' Gunju u dan ghaliex tali tpacija mhix permessa mil-ligi f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut b'dan li jiddikjara li l-konvenut ghandu raguni tajba u bizzejjed biex l-konvenut jitlaq mis-servizz skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 35(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u m' ghandux ihallas dak mitlub mis-Socjeta' attrici u ghalhekk qed jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-Socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudiktur**